30 ta' Marzu, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* No. 11228 Gunner Rocco Muscat

## Taaffiku — "Pedestrians" — Negliġenza

*F'każ fejn "pedestrian" joħroġ f'daqqa quddiem car u jikkrealu emerġenza, u dak il-"pedestrian" jiġi milqut mill-karrozza, mhux biżżejjed il-fatt li l-"pedestrian" kien inkawt biex l-imputat jista' jeċċeppixxi d-difiża tal-"inevitable accident". Jekk l-imputat kellu tort, għax kien qiegħed isuq bi speed tali li ma setgħax jinkontra l-emerġenza billi jwaqqaf "a tempo", allura hu l-każ li wieħed jara x'inhi l-pożizzjoni dwar ir-responsabilità kriminali tal-imputat.*

*F'sedi kriminali (għad-differenza ta' dak li hu l-aspett ġuridiku f'sedi ċivili) in-negliġenza tad-danneġġjat involut fl-inċident ma tneħħix ir-responsabilità tad-driver, ammenokkè din in-negliġenza tad-danneġġjat ma tkunx il-kawża determinanti. Jekk biss ikkontribwiet, allura fil-proċess kriminali l-imputat hu ugwalment responsabbli.*

*Għaldaqstant, ladarba l-imputat kellu tort huwa wkoll filli li speed tiegħu kien eċċessiv u tali li hu ma setgħax iwaqqaf fil-ħin, id-difiża tat-tort tad-danneġġjat ma tiswiex in sedi kriminali; salva r-riduzzjoni u allo-kazzjoni tad-danni konsegwenzjali in sede ċivili.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni magħmula mill-Pulizija quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta kontra Rokku Muscat talli fid-29 ta' Settembru 1956, f'xi s-7.30 p.m., saq il-car no. 14698 b'ġiri aktar milli jmissu u fuq in-naħa ħażina tat-triq minn St. Joseph High Road, Ħamrun; barra minn dan, minħabba nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, laqat lil Paul Farrugia u għamillu ferita ta' natura ħafifa, skond iċ-ċertifikat ta' Dr. Joseph Attard, M.D.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-20 ta' Novembru 1956, li biha sabet lil Rokku Muscat ħati skond l-imputazzjoni, b'dan illi l-aħħar imputazzjoni tassorbixxi l-ewwel imputazzjoni, u ordnat li jiġi liberat taħt id-dispożizzjonijiet tal-art. 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher li l-imputat kien qiegħed isuq il-car, qabeż char-a-banc, u, waqt li kien għadu ma kkompletax l-"overtaking", u kien għadu fuq il-lemin, ħareġ quddiemu

ċertu Paul Farrugia, li kien qiegħed jaqsam it-triq, u l-imputat daħal ġo fiħ;

*Omissis;*

L-assunt tad-difiża hu, għalhekk, fis-sens li dan hu l-każ ta' "pedestrian" li joħroġ inaspettatament quddiem car u jikkrealu emerġenza, li ġuridikament, f'każ li l-"pedestrian" inkawt jiġi milqut, iġġib id-difiża ta' "inevitable accident";

Verament, il-kwadru taċ-ċirkustanzi pjuttost juri li Farrugia ma kienx tant attent meta qasam u tfaċċa f'daqqa minn wara x-char-a-banc. Tant jidher minn dak li semma fuq. Ix-xhieda tal-istess Farrugia hi minn dik li għaliha hu applikabbli d-dett "nimis probat". Infatti, sabiex żgur ineħħi kull idea ta' imprudenza proprja, Farrugia qal li, meta hu beda jaqsam, ix-char-a-banc kien mal-200 pied bogħod, ossija fuq is-sitta u sittin jarda. Kieku kien hekk, żgur li hu kien jilħaq jirraġġunġi b'sikurezza l-bankina opposta, peress li, jekk xejn, il-car tal-imputat kien dak il-ħin aktar bogħod mix-char-a-banc...... Però, sabiex ikun hemm lok għad-difiża tal-"inevitable accident", jeħtieġ li jirriżulta wkoll li l-imputat fil-ħin tal-aċċident ma kienx qiegħed jikser xi regola tat-traffiku. L-imputat xehed li kien qiegħed isuq bil-mod......;

Kieku l-provi waqfu hawn, il-każ kontra l-imputat ma kienx jista' jingħad pruvat; imma hemm iċ-ċirkustanza tal-"brakemark", meqjusa mis-Surġent Piscopo, li kienet ta' 47 pied, li tindika speed li jilħaq it-30 mil fis-sigħa, anki jekk wieħed iqies ir-"reaction time", u jqies ukoll li l-imputat forsi aċċellera biex jipprova jevita lil Farrugia. Hu veru li din il-"brake-mark" ma ġietx meqjusa immedjatament, u li lanqas ma ġiet meqjusa fil-preżenza tal-imputat. Hu desiderabbli — u l-Qorti tirrakomanda — illi l-"brake-marks", f'każijiet simili, jiġu meħudin bla ebda telf ta' żmien u, meta jkun pratikabbli, quddiem id-driver tal-car interessat, sa-

biex dan jista' jikkontrolla din il-prova u sabiex jiġu evitati kwistjonijiet. Iżda mill-provi l-Qorti hi soddisfatta li dan il-"brake mark" kien tal-car tal-imputat;

Issa, il-pont hu dan: Farrugia ħareġ f'daqqa qudiem il-car tal-imputat, u kkrea l-emerġenza; iżda l-imputat kellu anki tort, għax kien qiegħed isuq bi speed tali li ma setgħax jinkontra l-emerġenza billi jwaqqaf "a tempo"; x'inhi, għal-hekk, il-pożizzjoni dwar ir-responsabilità "kriminali" tal-imputat?

Din il-Qorti, f'diversi ġudikati tagħha, kellha diġà okkażjoni tgħid li in sedi kriminali (għad-differenza ta' dak li hu l-aspett ġuridiku in sedi ċivili), in-negliġenza tad-danneġġjat involut fil-każ ma tneħħix ir-responsabilità tal-imputat, ammenokkè din in-negliġenza tad-danneġġjat, ma tkunx il-kawża determinanti; jekk biss ikkontribwiet, allura fil-proċess kriminali l-imputat hu ugwalment responsabbli. In sedi ċivili, il-pożizzjoni hi diversa, għaliex skond l-art. 1094 Kap. 23 Ediz. Riv., il-Qorti, f'każ simili ta' negliġenza anki tad-danneġġjat, għandha tqassam il-ħsara f'ishma proporzjonati skond id-diskrezzjoni tagħha;

L-istess ġie ritenut fil-ġurisprudenza ngliża, segwita mid-dottrina. Jgħid il-Harris (p. 199 Crim. Law):— "...... in the case of manslaughter by negligence it is no defence that the deceased person was negligent and that his negligence contributed to his death. But it would be a defence that the death was caused by the act of the deceased";

Hekk ukoll fis-sistema ġuridiku taljan. Infatti, l-awtur Francesco Cigolini, fit-test tiegħu reċentement publikat "La responsabilità della circolazione stradale", ediz. 1955, meta jiġi jittratta r-responsabilità penali, jgħid hekk:— "Il principio generale di diritto è che non si può addurre come causa dirimente la propria responsabilità la colpa del leso, tutte le volte che anche l'imputato non sia immune da colpa efficiente" (pp. 602-603). U jkompli jgħid li r-responsabi-

lità kriminali tad-driver tispiċċa biss meta s-sitwazzjoni eċċezzjonali kreata mid-dannegġjat kienet "l'unica causa dell'evento, e non già la causa concorrente con la colpa del conducente" (ibidem). Mentri, meta dan l-awtur, wara li jittratta fuq ir-responsabilità kriminali, jgħaddi għal dik ċivili, allura jgħid (p. 738):— "La responsabilità è in proporzione delle rispettive colpe, la cui valutazione è esclusivamente rimessa al giudice di merito";

Għalhekk, id-difiża tat-tort tad-dannegġjat in sedi kriminali, *salva l-valutazzjoni ta' dan it-tort in sedi ċivili*, u r-riduzzjoni u allokazzjoni tad-danni konsegwenzjali, ma tirnexxix, ġa ladarba kien hemm anki t-tort tal-imputat filli li speed tiegħu kien eċċessiv u tali li hu ma setgħax iwaqqaf fil-ħin;

Għal dawn ir-raġunijiet;

**Tiddeċidi;**

*Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.*